MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 133/2010

**Anthony Haber, f`ismu proprju u bhala mandatarju tal-imsiefer Martin Haber, Josephine sive Joyce Haber, Angelo Haber, John Haber u Simon Haber**

***kontra***

**Marlene Miceli, Francis Haber, Robert Haber, u Christopher Haber**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-<u>12 ta` Frar 2010</u> li jaqra hekk :–

*1. Illi fil-26 ta` Frar 1997 miet missierhom Joseph Haber, filwaqt li fis-6 ta` Jannar 2008 mietet ommhom Emanuela Haber ;*

*2. Illi bis-sahha ta` testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion tal-24 ta` Gunju 1983, l-imsemmi Joseph Haber innomina b`eredi universali tieghu lill-ghaxar uliedu, ossia l-kontendenti kollha, f`ishma indaqs bejniethom ;*

*3. Illi bl-ahhar zewg testmenti taghha pubblikati min-Nutar Dr. Malcolm Licari fit-30 ta` Awissu 2006 u fil-21 ta` Marzu 2007 rispettivament, Emanuela Haber halliet xi legati u prelegati, u salv is-sehem rizervat mil-ligi favur uliedha kollha, innominat bhala eredi universali taghha lill-erba` uliedha konvenuti Marlene Miceli mart Charles, Francesco, Robert u Christopher, ahwa Haber, f`sehem indaqs bejniethom ;*

*4. Illi l-esponenti interpellaw diversi drabi lill-intimati, anke permezz ta` ittra ufficjali tat-2 ta` Gunju 2008, sabiex bonarjament ihallsuhom is-sehem rizervat lilhom bil-ligi fuq il-beni ta` ommhom Emanuela Haber, u jersqu ghall-qasma tal-wirt ta` missierhom Joseph Haber, pero` dawn baqghu sal-lum jirrifjutaw li jaghmlu dan.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw waqt is-smigh ta` din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha :-*

*(i) tillikwida l-assi ereditarju tal-mejjet Joseph Haber ;*

*(ii) taqsam u tassenja l-assi hekk likwidati tal-imsemmi Joseph Haber bejn il-kontendenti fis-sehem rispettiv taghhom;*

*(iii) tordna l-bejgh b`licitazzjoni ta` dawk il-beni li mhumiex komodament divizibbli, bl-ammissjoni ta` offerenti estranei taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni, u li r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fis-sehem rispettiv taghhom ;*

*(iv) tinnomina Nutar Pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-att ta` divizjoni, jekk ikun il-kaz, u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci ;*

*(vi) tillikwida l-assi ereditarju tal-mejta Emanuela Haber ;*

*(vii) tillikwida s-sehem rizervat mil-ligi lil kull wiehed u wahda mill-esponenti fuq l-assi hekk likwidati ta` Emanuela Haber ;*

*(viii) tikkundanna lill-konvenuti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, ihallsu lil kull wiehed u wahda mill-esponenti s-sehem rizervat hekk likwidat u dovut, bl-imghaxijiet skond l-artikolu 615(2) tal-Kodici Civili sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku tad-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li kienet prezentata fil-15 ta` Marzu 2010 li taqra hekk :–

*1. Illi l-intimati ma jopponux ghat-talbiet attrici ghal-likwidazzjoni u l-qsim tal-assi ereditarju ta` missierhom il-mejjet Joseph Haber li permezz tat-testment tieghu tal-24 ta` Gunju 1983 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion (Dok. E anness mar-rikors guramentat) halla lill-ghaxar uliedu, ossia l-kontendenti kollha f`din il-kawza, eredi universali tieghu.*

*2. Illi l-assi immobiljari tal-mejjet Joseph Haber huma s-segwenti :-*

*Nofs indiviz (1/2) tal-fond illum bin-numru tnejn (2), Triq il-Konservatorju, Floriana ;*

*Nofs indiviz (1/2) tal-garaxx llum bin-numru tlettax (13), Triq il-Konservatorju, Floriana ;*

*Nofs indiviz (1/2) mill-flat numru tnejn (2), blokk sittax (16), Misrah San Kalcedonju, Floriana (liema fond huwa soggett ghall-kirja) ;*

*Nofs indiviz (1/2) mit-terran numru 156, Triq Parades, San Pawl il-Bahar.*

*3. Illi l-intimati flimkien ghandhom sehem ta` erbgha minn ghaxra (4/10) fl-eredita` ta` missierhom. L-intimati jixtiequ, jekk dan huwa possibbli, li tigi assenjata lilhom flimkien, in sodisfazzjon tal-kwota spettanti lilhom fl-eredita` ta` missierhom, parti mill-assi ereditarju tieghu stante illi huma ghandhom in-nofs indiviz (1/2) l-iehor fl-immobbli fuq imsemmija skond it-testmenti ta` ommhom Emanuela Haber ppubblikati min-Nutar Malcolm Licari fit-30 ta` Awissu 2006 u fil-21 ta` Marzu 2007 (Dok. I u Dok. J annessi mar-rikors guramentat).*

*5. Illi ghar-rigward tas-successjoni ta` omm il-kontendenti Emmanuela Haber l-intimati ma jopponux ghat-talbiet attrici li ghandu jigi llikwidat u mhallas is-sehem rizervat imholli lir-rikorrenti bis-sahha tat-testmenti fuq imsemmija.*

*6. Illi fil-komputazzjoni tas-sehem rizervat lill-intimat Martin Haber ghandu jitnaqqas l-ammont ta` Lm 5,000 (llum EUR 11,646.86) li Emmanuela Haber kienet silfet lil Martin Haber izda li hu qatt ma radd lura, filwaqt li fil-komputazzjoni tas-sehem rizervat lill-intimat Anthony Haber ghandu jitnaqqas id-dejn li huwa ghandu mal-mejta Emmanuela Haber in konnessjoni mal-hanut.*

*7. Illi l-intimati qatt ma rrifjutaw, anzi dejjem riedu, li jaslu fi ftehim bonarju mar-rikorrenti sabiex b`hekk jithallas is-sehem rizervat lir-rikorrenti fuq l-assi ereditarju ta` ommhom Emanuela Haber u li jersqu ghall-qasma tal-wirt ta` missierhom Joseph Haber u dan kif jirrizulta mill-ittra hawn annessi tat-8 ta` Mejju 2008 (Dok. MM1) u mill-ittra tat-3 ta` Lulju 2008 (Dok. MM2) u kif jigi pruvat ulterjorament waqt it-trattazzjoni tal-kawza, izda kienu r-rikorrenti li ma riedux jaslu ghall-ftehim bonarju.*

*8. Illi ghalhekk it-talba attrici ghall-hlas ta` l-imghax hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda inkluz stante illi kwalunkwe dewmien fil-hlas tas-sehem rizervat kien biss htija tar-rikorrenti.*

*9. Illi ghalhekk l-intimati lanqas ma ghandhom ibatu l-ispejjez tal-kawza.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skond il-ligi u bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista ta` xhieda ndikati mill-konvenuti u l-elenku ta` dokumenti li pprezentaw mar-risposta guramentata taghhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta` Marzu 2010 fejn il-partijiet qablu li l-immobbli huma dawk indikati fir-rikors guramentat u fir-risposta guramentata.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tad-29 ta` Marzu 2010 fejn hatret lill-Perit Godwin Abela bhala perit tekniku sabiex jaghmel stima tal-immobbli u jipproponi qasma.

Rat id-digriet moghti fl-istess udjenza fejn kienet mahtura l-Av. Dr. Yvette Cassar bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tigbor il-provi.

Rat l-atti tal-esekuzzjoni tal-inkariku tal-Assistent Gudizzjarju nkluz il-provi *viva voce* u dokumentarji li gabret.

Rat ukoll ix-xiehda bl-affidavit.

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-perit tekniku fit-13 ta` Mejju 2011 u kkonferma l-kontenut taghhom bil-gurament fit-22 ta` Gunju 2011.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta` Gunju 2014 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Il-provi fil-qosor</u>**

**<u>L-attur Anthony Haber</u>** xehed li missieru Joseph Haber miet fis-26 ta` Frar 1997 waqt li ommu Emanuela Haber mietet fis-6 ta` Jannar 2008. Il-genituri tieghu ghamlu testment *unica charta* fl-24 ta` Gunju 1983 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion ; hallew lill-ghaxar (10) uliedhom bhala eredi. Wara li miet missieru, ommu bidlet il-parti taghha tat-testment *unica charta* billi ghamlet zewg testmenti t-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Licari : l-ewwel wiehed fit-30 ta` Awissu 2006 ; u t-tieni wiehed fil-21 ta` Marzu 2007. L-omm halliet xi legati u prelegati ; innominat b`eredi universali taghha lill-konvenuti salv is-sehem rizervat mil-ligi favur l-ulied l-ohra. Ma jafx ghala ommu ghamlet hekk pero` jaf li ohtu Marlene Miceli dejjem kienet determinata li kollox jibqa` kif halliet l-omm fit-testmenti taghha u rrifjutat proposta biex kollox jinqasam indaqs bejn l-ulied kollha.

Kompla jixhed illi l-atturi ppruvaw jaslu ghal qasma barra l-Qorti izda l-ftehim baqa` ma wasalx ghax il-konvenuti riedu jhallsu s-sehem riservat billi jikkalkolawh skond il-valuri kif dikjarati fil-*causa mortis*. Qabbdu perit indipendenti biex jistma l-immobbli izda qatt ma ntlahaq ftehim minhabba l-intransigenza ta` Marlene Miceli li kienet tinfluwenza lill-ahwa l-ohra. Il-kawza tal-lum saret wara li kienu ntbaghtu

diversi ittri fosthom ittra interpellatorja fit-30 ta` April 2008, ittra ufficjali fit-2 ta` Gunju 2008 u ittra ohra fit-12 ta` Settembru 2008.

Dwar il-wirt ta` missieru, xehed li ma jafx xi flus halla izda l-ghamara li kellu baqghet id-dar sal-mewt ta` ommu.

Dwar il-wirt tal-omm, stqarr li ma jafx jekk hallietx flus jew deheb.

Qal illi huwa kien jitkellem ma` huh Martin li jghix il-Kanada. Billi Martin xtaq jigi lura Malta, huwa kien kellem lil ommu biex jara tistax tghinu finanzjarjament. Fil-fatt ommu kienet silfet Lm 5000 lil Martin. Ma jafx jekk Martin kien radd dawk il-flus lil ommu. Ommu mietet fid-dar ta` ohtu Marlene. Ma jafx kemm kienet ilha toqghod hemm. Kien izur lil ommu anke ghand Marlene.

Stqarr illi huwa kellu hanut bl-isem *Haber Store*. Ommu kienet sellfitu LM 600 biex ihallas xi dejn. Ghalkemm il-hanut fuq il-kuntratt kien f`ismu, kien hemm skrittura li tghid li l-hanut kien akkwistat mill-ahwa u li kulhadd kellu jaghti s-sehem tieghu. Kien hemm ta sehmu darba biss. Huwa baqa` jhallas. Is-sehem ta` wiehed minn ghaxra (1/10) li tirreferi ghalih ommu kien sehem Martin.

Xehed illi ommu kienet siefret l-Ingilterra ma` Marlene ghal ragunijiet ta` sahha. Fi zmien il-Milied, ommu gieli tat flus lil uliedha fosthom Lm 1000 lil kull wiehed ; u anke Lm 500 lil kull wiehed.

**<u>Il-konvenuta Marlene Miceli</u>** xehdet illi ghalkemm fid-dar tal-genituri kien hemm l-ghajnuna ta` kulhadd, ommha kienet tibbaza fuqha. Wara li x-xhud izzewget, ommha riedet tmur l-Amerika u kienet hallietha tiehu hsieb lil hutha s-subien. Dak iz-zmien kienet tilfet tarbija wkoll. Hija kienet issajrilhom u lanqas setghet toqghod id-

dar taghha. Meta marad missierha, hija kienet tiehdu ghand it-tabib. Huha Lino kien iwassalhom l-isptar u kien jakkompanjahom anke meta missierha kien ser jaghmel operazzjoni. Meta ommha kellha 74 sena u kellha bzonn taghmel operazzjoni tal-qalb fl-Ingilterra, hi u zewgha kienu marru maghha. Meta giet lura, baqghet tiehu hsieb ta` ommha li kienet qed tikber fl-eta`. Kienet tmur maghha ghand it-tabib, tixtrilha u tnaddfilha d-dar. Wara li miet missierha, ommha xtaqek li tibqa` tghix wahedha. Min-naha taghha hija baqghet tara l-bzonnijiet ta` ommha u nhar ta` Hadd kien johrog huha l-konvenut Robert.

Xehdet illi sal-mewt ta` missierha, il-genituri taghha kienu jghixu flimkien. Wara l-mewt tieghu, ommha baqghet tghix wahedha ghal tnax-il sena sakemm fl-ahhar tliet xhur marret toqghod maghha ghax ma kenitx tiflah. Ghalkemm kienet timxi, kellha bzonn l-ghajnuna ; ma kenitx tmur wahedha fil-kamra tal-banju. Mentalment kienet ghadha tajba. Kienet tghinha fil-facendi. Ftit qabel ommha marret toqghod maghha, hija kienet tohdilha l-ikel. Ommha kienet tmur il-bank issarraf ic-cheque tal-pensjoni ; il-flus kienet tuzahom biex tghix u anke biex issiefer maghha. L-ahhar safra taghha kienet hames xhur qabel il-mewt taghha meta marru cruise. Ommha kienet izzomm flus id-dar ; kemm ma setghetx tghid. Wara l-mewt taghha, il-flus li kellha meta mietet intefqu ghall-funeral taghha. Il-flus tal-omm kienu fil-kexxun tal-kamra fejn kienet torqod ; kien hemm xi €1500 fi flus kontanti, u €100 l-APS. Dawn tal-ahhar inqasmu bejn l-erba` konvenuti waqt li l-€1500 intefqu ghall-funeral. Ma kienx hemm aktar flus.

Qalet illi madwar sena u nofs qabel mietet, ommha mardet meta haditha bi kbira wara li rceviet ittra bil-Qorti minghand uliedha. Meta ommha fl-ahhar tliet xhur ta` hajjitha marret toqghod maghha, ix-xhud ghamlitha cara lil hutha illi setghu jmorru jaraw lil ommhom x`hin u meta jridu. Fil-Milied l-omm baghtet ghal uliedha u tathom Lm 100 kull wiehed. Lino kien imur jaraha nofs siegha l-Hadd ; qabel mietet, kien mar jaraha John ; waqt li Simon kien se jmur jaraha dakinhar li mietet.

Kompliet tixhed illi meta kienet tghix maghha, kienet taghtiha €250 fix-xahar. L-omm kellha garaxx mikri u kienet tircievi kera ta` €150 fix-xahar. Minn dawn il-flus, l-omm kienet thallas il-kontijiet taghha. Qabel il-mewt taghha, hija sarrfitilha cheque wiehed biss tal-kera. Wara l-mewt ta` ommha, il-kirja bdiet tirceviha hi u bil-flus tal-kera bdiet thallas il-kontijiet tad-dawl tal-postijiet. Gabret xi €1000 ; minnhom kien baqa` xi €200. Wara l-mewt ta` omm, il-garaxx beda jinkera ghal sitt xhur b`kera ta` €1100 wara qbil bejn il-konvenuti. Minn dak il-garaxx, kellhom sehem hutha l-ohra

wkoll izda dawk ma kienux jikkoperaw. Il-kirja saret bil-miktub ; sehem hutha minn dik il-kirja kien qieghed id-dar. Il-mobbli ta` ommhakienu ghadhom fil-post. Ommha kellha ftit deheb ; meta kienet ghadha hajja, l-omm tat il-ftit deheb li kellha lil ohtha u lilha. L-omm dejjem riedet li l-ftit deheb li kellha imur ghand il-bniet.

Dwar huha Martin, stqarret li dan kellu bzonn il-flus biex jigi lura Malta mill-Kanada. Il-genituri taghha sellfu lil Martin Lm 5000 u hi marret il-bank ma` ommha biex tibghatlu l-flus. Meta Martin gie lura, hallietu ighix fil-post ta` San Pawl il-Bahar ghal hames snin. Mill-Lm 5000 Martin ta lura xi Lm 100 mhux izjed minn Lm 250. L-omm kienet dispjacuta ferm li Martin baqa` ma tahiex il-flus lura.

Dwar il-hanut xehdet illi meta kien akkwistat hi u hutha Robert, Christopher, Anthony u Lino Lm 1000 kull wiehed ; l-omm harget Lm 1000 ; ohtha Joyce harget Lm 500 ; Simon hareg Lm 500 ukoll ; waqt li Francis hareg Lm 200. Huha John ma hareg xejn. Meta Anthony ghalaq, ma avza lil hadd lanqas lill-omm li min-naha taghha kienet semghet minghand in-nies illi kien ghalaq. In segwitu taha c-cavetta. Il-hanut kien akkwistat minghand iz-ziju taghhom Vincent Fenech ; dan kien stqarr li kien fadallu jithallas Lm 720. Dawn fil-fatt thallsu mill-omm pero` baqghet ma hadithomx lura. Hallset ukoll id-dejn ta` Anthony li kien ta` Lm 3000. Mill-hanut l-omm kellha sehem ta` wiehed minn ghaxra. Ghalkemm fuq il-kuntratt deher huha Anthony, dan kien qed jidher ukoll ghall-membri l-ohra tal-familja. L-atturi jafu tajjeb b`dan kollu. Issa Anthony qed isostni li l-hanut huwa tieghu biss ; ghalhekk ma accettax li l-perit imqabbad mill-qorti jaghmel stima tal-fond. Il-konvenuti nkluza hi ma accettawx din il-posizzjoni u baghtu ittra ufficjali sabiex huma ma jbatux pregudizzju.

Xehdet illi l-konvenuti qatt ma kellhom oggezzjoni li ssir il-qasma tal-wirt tal-missier u tithallas is-sehem riservat tal-wirt ta` l-omm. Il-qasma ma saritx ghaliex l-atturi ma riedux jaqsmu skond it-testmenti. Il-konvenuti riedu li l-immobbli jinbieghu u r-rikavat jinqasam skond it-testmenti. L-atturi baqghu jinsistu li jigu skartati t-testmenti tal-omm.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Marlene Miceli xehdet li l-ahwa kollha hlief Martin flimkien ma` l-omm kienu hargu flus ghall-hanut. Ma tafx jekk il-konvenju kienx registrat. Sostniet li qatt ma thallset taxxa ghax trasferiment favur taghhom baqa` ma sarx. Il-

kuntratt ghamlu huha Anthony wahdu. Fuq il-konvenju ma konvenju ma ssemmewx l-ammonti li kull wiehed minnhom peress li x-xewqa ta` l-omm kienet li jinqasam bejn l-ghaxra. Ma tafx jekk il-konvenju kellu terminu ta` validita`. Ma tafx jekk ommha kenitx izzomm librett ta` kemm kienet tonfoq flus. Kif kienet tonfoq il-flus kienet affari ta` ommha. Sa sena u nofs wara li nghalaq il-hanut, l-omm ma kienet tiehu xejn mill-hanut ghax kien hemm dejn x` jithallas. Ikkonfermat illi s-sehem rizervat dovut lill-atturi qatt ma kien depozitat il-Qorti. Hija qatt ma ghamlet offerta ta` propjeta`. L-atturi ppretendu l-hlas ta` imghax ta` 8% fuq l-ammont tas-sehem rizervat.

**Perit Simon Saliba** xehed illi huwa kien avvicinat biex jaghmel stimi ta` mmobbli ghall-fini ta` *causa mortis*. Il-fond 16/2, Misrah San Kalcidonju, Floriana, kien vakanti u ghalhekk ghamel stima ta` €70,000 ; li kieku ma kienx battal, il-valur kien jinzel ghal €45,000. Huwa stima l-fond 2, Triq il-Konservatorju, Floriana, fl-ammont ta` €56,000 ; kien fond zghir, kantuniera, issib kamra, imbaghad titla` fuq u ssib kamra ohra bil-partitions ; kien hemm kamra tal-banju. Fil-**kontroezami**, il-Perit Saliba xehed illi dwar l-ewwel fond, il-valur kien ta` €45,000 fil-kaz ta` inkwilin protett. Fir-riezami, huwa xehed illi l-fond 13, Triq il-Konservatorju, Floriana, kien stmat fl-ammont ta` €38,000.

**David Galea** mill-APS Bank Ltd xehed illi Emanuela Haber kellha kont wiehed li nfetah fit-22 ta` Frar 2000 u nghalaq fil-25 ta` Ottubru 2008.

**Audrey Ghigo** mill-HSBC Bank Malta plc xehdet illi Emanuela Haber ma kellhiex kontjiet bankarji f`isimha wara l-1 ta` Jannar 2000.

**Romwald Attard** mill-Bank of Valletta plc xehed illi Emanuela Haber kellha zewg kontijiet : wiehed term deposit account u l-iehor disposal account. Dan tal-ahhar kien iservi biex l-imghax tat-term deposit account imur go fih. Iz-zewg kontijiet infethu fl-istess gurnata. Meta l-flus li kienu fit-term deposit account gew trasferiti ghal kont bin-nru 18604346291 fil-Valletta Fund Management. Joseph Haber qatt ma kellu investimenti f`ismu. Emanuela Haber kellha investiment wiehed fil-La Vallette Euro Income Fund li kien zbankat fit-3 ta` Awissu 2006 u kien trasferit lil Marlene Miceli. Fid-data tal-mewt taghha, Emanuela Haber ma kellhiex investimenti ; lanqas kontijiet. Il-kontijiet li kellha kienu nghalqu fit-8 ta` April 2005

**Robert Sammut** mill-Malta Stock Exchange xehed illi Joseph u Emanuela Haber ma kellhomx holdings registrati mal-Malta Stock Exchange.

**Nutar Dr. Malcolm Licari** xehed illi huwa ppubblika t-testmenti ta` Emanuela Haber. Fit-testment taghha tnizzel ghala lill-atturi hallietilhom is-sehem rizervat. Halliet legat lil Marlene Miceli bhala ringrazzjament u bhala hlas ta` servigi li rrendiet lilha. Ix-xhud fisser illi huwa mar ghand it-testatrici biex sar it-testment. Emanuela Haber lilu qaltlu li bintha Marlene kienet iddur biha, kienet tmur taraha kuljum, kienet tqatta` hafna hin maghha, kienet issajrilha, tbiddlilha l-harqa u tiehu hsiebha. Dwar is-self lil binha Martin ta` Lm 5000, hi qaltlu li Martin kien talabha tisilfu l-flus izda qatt ma ndenja ruhu li jsemmihomlha aktar ; hasset li dak ma kienx mod kif kellu jimxi maghha. Dwar il-hanut "Haber Store" sitwat fi Triq il- Konservatorju, Floriana, Emanuela Haber kienet qaltlu li dak kien inxtara bejn l-ahwa u li hija kellha sehem mal-ahwa minkejja li kien hemm xi pendenza ghax il-hanut kien jidher fuq isem wiehed mill-ulied. Qalet li hija kellha wiehed minn ghaxra tal-fond (1/10) ghalkemm ma kienx ghamel ricerki.

Fil-**kontroezami** Dr Licari xehed illi t-testatrici kellha 85 sena. Huwa ha hsieb ukoll il-procedura tal-*causa mortis*. Huwa personalment ma kienx jaf lit-testatrici izda kien jaf lil uhud minn uliedha bil-laqam. Xi hadd – ma jiftakarx min - kien ghamel kuntatt mieghu biex imur id-dar ta` anzjana. Meta mar ghandha sab lit-testatrici bilqeghda wahedha f`kamra fuq ix-xellug tad-dar taghha. Peress li kienet mara anzjana u kienet ser thalli xi tfal barra mill-wirt taghha, huwa nsista fuq certifikat mediku. Fil-fatt kellem lit-testatrici darbtejn qabel sar it-testment. Ghal kull wiehed miz-zewg testmenti li ghamlet Emanuela Haber, kien rilaxxjat certifikat mediku mit-Tabib Dr. George Grech (fol 33 u fol 36).

**Il-konvenut Robert Haber** xehed illi missieru halla lill-ulied kollha bhala eredi tieghu. Ommhom halliet lill-konvenuti bhala eredi taghha. Il-genituri kienu s-sidien tal-fondi : 2, Triq il-Konservatorju, Floriana ; 13, Triq il-Konservatorju, Floriana ; 16/2, Misrah San Kalcedonju, Floriana ; 156, Triq Parades, San Pawl il-Bahar. Ommu kellu wkoll sehem ta` wiehed minn ghaxra (1/10) ta` 4, Triq il-Konservatorju, Floriana.

Ix-xhud spjega illi li meta ommu ghamlet iz-zewg testmenti taghha kien prezenti t-Tabib Dr George Grech. Il-fond ta` San Pawl il-Bahar thalla bhala prelegat lil ohtu Marlene billi rrendiet servigi lill omm. L-omm dejjem sabet lil Marlene ghal kull ma kien ikollha bzonn ; l-istess kienet taghmel meta missierhom kien ghadu haj. Marlene akkumpanjat lill-omm biex taghmel operazzjoni f`qalbha. Bis-sahha ta` Marlene qatt ma kellha bzonn tqabbad carer biex tiehu hsieb lill-omm. Fl-ahhar ta` hajjitha, l-omm marret tghix ma` Marlene ; kienet tahsilha u anke tbiddlilha l-harqa. Kien xieraq li l-post ta` San Pawl il-Bahar imur ghand Marlene.

Stqarr illi hu u hutu Christopher u Francis kienu jzuru lil ommu ta` spiss waqt li Christopher kien joqghod fuqha ; l-ohrajn ma tantx kienu jmorru jarawha. Kienu baghtu ittra ufficjali lil ommhom ghax bezghu li kienet sejra tbiegh xi proprjeta` taghha ; ommhom kienet haditha ferm bi kbira. L-omm kienet silfet Lm 5000 lil huh Martin biex dan jirritorna mill-Kanada ; missieru ma kienx kuntent b` dan peress li ma kellux flus bizzejjed biex jaghti dak l-ammont lil kulhadd. Ommu kienet dispjacuta li Martin baqa` ma tahiex lura l-flus ; lanqas wera gratitudini lejha. Martin qatt ma kien izomm kuntatt ma` ommu.

Kompla jghid illi l-konvenuti (inkluz hu) qatt ma kellhom oggezzjoni li ssir il-qasma tal-wirt tal-missier u jithallas is-sehem riservat fuq il-wirt tal-omm. Huma riedu jaslu ghal ftehim bonarju izda l-atturi ma riedux jaslu ghal ftehim ghax riedu jaqsmu l-wirt ta` l-omm b`mod ugwali minkejja dak li kien hemm fit-testmenti taghha. Gabu stimi gholjin mill-perit taghhom u qatt ma offrew li jgibu perit independenti. L-atturi qatt ma qalu kemm kienu qeghdin jippretendu bhala sehem riservat.

**Il-konvenut Francis Haber** ikkonferma d-deposizzjoni ta` huh Robert. Zied jistqarr illi ftit zmien wara l-mewt ta` missieru, ommu kienet qassmet Lm 1000 bejn l-ulied kollha. Ftit qabel mietet, l-omm sejhet lil uliedha kollha u qassmet Lm 500 lil kull wiehed mill-ulied. L-omm kienet tat Lm 800 lil Martin biex imur il-Kanada. Tat ukoll xi flus lil Enia bint Simon Haber billi kellha dizabilita` f`ghajnejha.

**Il-konvenut Christopher Haber** ikkonferma dak li xehdu hutu Robert u Francis. Zied ifisser illi huwa kien joqghod 16/2, Misrah San Kalcedonju, Floriana, li kien ghandu b`kera. Dwar is-self ta` Lm 5000 lil Martin, ix-xhud ikkonferma li ohtu Marlene kienet marret ma` ommu sabiex jibghatu l-flus lil Martin.

**Tabib Dr. George Grech** xehed illi Emanuela Haber kienet pazjenta tieghu ; kien ilu jikkuraha ghall-ahhar 10 snin qabel mietet. Kienet tmur ghandu l-ispizerija ; gieli mar id-dar taghha l-Floriana ; gieli mar jinvistaha wkoll fid-dar ta` Marlene. Jaf li Marlene kienet dejjem tkun ma` l-omm u kienet iccempillu. Ma jafx kemm damet Emanuela tghix ma` Marlene izda ghamlet tul ta` zmien. Kien mar jaraha ghand Marlene xi darbtejn jew tlett darbiet. Marlene kienet il-main carer taghha. Emanuela kienet torqod ghand Marlene. Huwa kkonferma li kien xhud tat-testment taghha. Ikkonferma li kienet orjentata ; kienet a konoxxenza ta` dak li kienet qeghda taghmel. Apprezzat li Marlene kienet qed tiehu hsiebha u ghalhekk riedet tiffavorieha.

**L-attur Simon Haber** xehed illi ommu mietet fid-dar ta` Marlene fejn ghexet fl-ahhar xahrejn jew tlieta qabel mietet. Ikkonferma li ommu f`Milied kienet tathom Lm 1000 kull wiehed, u darba ohra Lm 500 kull wiehed. Ma jafx jekk Martin hax pero` dakinhar ma kienx prezenti. Huwa kellu sehem ta` wiehed minn ghaxra tal-"Haber Store" ; hareg Lm 200. Il-bqija kienu ta` hutu l-ohra.

**Il-Perit Joseph Albert Borg Costanzi** kkonferma li huwa ghamel valutazzjoni tal-immobbli formanti parti mill-wirt tal-konjugi Haber. Ikkonferma wkoll l-istimi li ghamel.

**Vincent Fenech** xehed illi huwa jigi z-ziju tal-partijiet. Emanuela Haber kienet tigi ohtu. Huwa kien ghamel negozju ma` Anthony Haber billi kien bieghlu post u dan kien ihallsu fix-xahar. Kompla jghid li l-ahhar pagament fl-ammont ta` Lm 720 baqa` ma sarx u ghalhekk talab lil ohtu Emanuela sabiex thallsu hi. Fil-fatt Emanuela hallset dak l-ammont ; ma ftakarx jekk kienx hareg ricevuta f`isem Emanuela jew f`isem Anthony. Emanuela kienet toqghod bieb ma` bieb mieghu.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Il-wirt ta` Emanuela Haber</u>**

**a) <u>It-testmenti</u>**

Emanuela Haber mietet fis-6 ta` Jannar 2008 (fol 11). Skond ir-ricerki testamentarji taghha (fol 22 u fol 29), is-successjoni ta` Emanuela Haber hija regolata permezz ta` zewg testmenti t-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Licari ; l-ewwel testment sar fit-30 ta` Awissu 2006 (fol 30) waqt li t-tieni testment sar fil-21 ta` Marzu 2007 (fol 34).

Fit-testment tat-30 ta` Awissu 2006, it-testatrici nnominat bhala eredi universali taghha lil uliedha : 1) Marlene Miceli ; 2) Francesco ; 3) Robert ; u 4) Christopher. Lil uliedha kollha l-ohra halliet is-sehem riservat peress illi skond ma ddikjarat fit-testment dawk l-ulied kienu ttraskurawha, u wiehed minnhom u cioe` Martin ma kienx raddilha s-somma ta` Lm 5000 li kienet silfitu. Fl-istess testment, it-testatrici ddikjarat illi hija kellha sehem ta` wiehed minn ghaxra tal-hanut 4, Triq il-Konservatorju, Floriana. Riedet thalli dak is-sehem b`legat in kwantu ghal wiehed minn erbghin (1/40) lin-neputija taghha, u in kwantu ghall-bqija lill-erba` uliedha eredi taghha.

Fit-testment tal-21 ta` Marzu 2007, l-unika varjazzjoni li ghamlet mit-testment ta` qabel kienet illi halliet bi titolu ta` prelegat lil bintha Marlene Miceli nofs indiviz tal-fond 156, Triq Parades, San Pawl il-Bahar bhala att ta` ringrazzjament u bhala hlas tas-servigi li rreditilha matul xjuhitha.

**b) L-assi ereditarji**

**i) Immobbli**

Fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta` Emanuela Haber li ghamlu l-konvenuti u l-legatarja Enya Haber fl-4 ta` Gunju 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Licari (fol 37) huma ddikjaraw illi l-assi mmobbiljari taghha kienu :-

1) is-sehem ta` 1/10 indiviz tal-hanut 4, gia 63, Triq il-Konservatorju, Floriana ;

2) in-nofs indiviz tad-dar 2, gia 64, Triq il-Konservatorju, Floriana, stmat mill-Perit Godwin Abela (li kien mahtur mill-Qorti bhala l-perit taghha) fl-ammont ta` €40,000 ;

3) in-nofs indiviz ta` l-garage 8, Triq il-Konservatorju, Floriana, li l-Perit Godwin Abela stima fl-ammont ta` €12,500 ;

4) in-nofs indiviz ta` l-flat 16/2, Misrah San Kalcedonju, Floriana, mikri lil terzi stmat mill-perit tekniku li jiswa €6,000.

5) in-nofs indiviz tat-terran 156, Triq Parades, San Pawl il-Bahar, stmat mill-perit tekniku li jiswa €45,000.

**ii) Dwar is-sehem ta` wiehed minn ghaxra (1/10) indiviz ta` 4, Triq il-Konservatorju, Floriana**

Skond il-provi, ma rrizultax qbil dwar jekk Emanuela Haber kellhiex dan is-sehem.

Fl-elenku ta` l-assi ereditarji (ara fol 5) u skond il-verbal tad-29 ta` Marzu 2010, l-atturi jaccettaw illi l-assi ereditarji ta` Emanuela Haber jinkludu dak is-sehem.

In segwitu l-atturi bidlu l-posizzjoni taghhom fis-sens illi permezz ta` nota li pprezentaw fl-1 ta` Frar 2011, isostnu li dak kien zball ghaliex dak is-sehem ma kellux jitqies li jaghmel parti mill-assi ereditarji ta` Emanuela Haber.

Da parti taghhom, fin-nota responsiva tad-9 ta` Frar 2011, il-konvenuti rriservaw il-posizzjoni taghhom.

Madanakollu, waqt il-gbir tal-provi u anke fis-sottomissjonijiet taghhom, il-konvenuti nsistew li dak is-sehem kien fil-fatt jaghmel parti mill-wirt ta` Emanuela Haber.

Minn ezami tat-talbiet attrici, jirrizulta li l-Qorti mhijiex qeghda tintalab taqsam il-wirt ta` Emanuela Haber izda li tillikwida l-konsistenza ta` dak il-wirt (is-sitt talba) sabiex abbazi ta` dak imbaghad tillikwida s-sehem rizervat ta` kull wiehed mill-atturi (is-seba` talba).

Irid jinghad illi l-attur Anthony Haber jikkontendi li l-fond 4, Triq il-Konservatorju, Floriana, huwa kollu kemm hu propjeta` tieghu, skond il-kuntratt tas-6 ta` Dicembru 1990 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion.

L-argument tal-konvenuti huwa li ghalkemm Anthony Haber deher bhala xerrej fuq l-att tal-akkwist fir-realta` huwa kien qed jagixxi mhux f`ismu biss izda wkoll bhala *prestanome* ta` ommu u ta` hutu l-ohra bl-eccezzjoni ta` Martin Haber. Ghalhekk il-post mhuwiex ta` Anthony Haber wahdu.

Fix-xiehda tieghu, l-attur Simon Haber ighid illi huwa ghandu wiehed minn ghaxra (1/10) tal-hanut.

Il-konvenuti qaghdu fuq l-iskritturi li pprezentaw a fol 189 et seq tal-process mnejn jirrizulta li kien sar ftehim bejn l-omm u uliedha eskluz Martin Haber biex disgha minn ghaxra (9/10) jigi trasferit lilhom bla hlas bhala rikonoxximent ta` l-ghajnuna finanzjarja li nghataw Anthony Haber u martu ghall-akkwist tal-hanut. Il-konvenuti jsemmu wkoll l-ittra ufficjali (fol 199) fejn huma nterpellaw lil Anthony Haber sabiex jersaq ghall-pubblikazzjoni ta` t-trasferiment billi kien qieghed izomm ghandu s-sehem taghhom fil-fond bhala *prestanome* taghhom. Il-konvenuti jirreferu wkoll ghar-raba` artikolu tat-testment tat-30 ta` Awissu 2006 fejn it-testatrici tiddikjara li kellha sehem ta` wiehed minn ghaxra (1/10) tal-hanut.

Minn ezami tar-rapport tal-perit tekniku, ma jirrizultax li saret stima ta` dak is-sehem ta` wiehed minn ghaxra (1/10) billi ma kienx hemm qbil dwar jekk il-valur ta` dak is-sehem kellux jittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini tal-kalkolu tas-sehem rizervat.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, l-atturi jinsistu li fil-kalkolu tas-sehem riservat ma ghandux jittiehed kont ta` dak is-sehem peress li skond huma dak is-sehem ma kienx jaghmel parti mill-assi ereditarji ta` Emanuela Haber.

Il-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-mertu ta` dak is-sehem u cioe` a) jekk Anthony Haber kienx qed jagixxi bhala *prestanome* ; u b) jekk l-iskritturi prezentati kienux validi

u vigenti ta` dak is-sehem. Ghalkemm ma kienx hemm stima tal-fond mill-perit tekniku, izda kien hemm stima biss *ex parte* tal-Perit Joseph Borg Costanzi (fol 61), li kieku kellha tidhol fil-kwistjoni ta` dak is-sehem, haga li l-Qorti mhijiex sejra taghmel, tkun qeghda tmur oltre t-talbiet attrici, ladarba ma kienx rikjest minnha li taqsam il-wirt ta` Emanuela Haber izda li tasal ghas-sehem rizervat tal-atturi.

Ghandu jinghad illi l-*actio familiae erciscundae* tigi ezercitata mill-eredi li jkunu jridu jaqsmu wirt u fiha jigu trattati l-kwistjonijiet kollha li jkunu konnessi mal-wirt. Kwistjonijiet ohra li m`humiex strettament konnessi mal-qasma tal-wirt ma tinkwadrax ruhha f`kawza ta` din ix-xorta.

Fis-sentenza li din il-Qorti tat fis-26 ta` Jannar 1939 fil-kawza "**Giuseppe Pirotta et vs Maria Preca**" inghad hekk dwar in-natura tal-azzjoni **:-**

*" … il-Qorti tosserva li dik il-kwistjoni tidhol f` dil-kawza minhabba n-natura ta` l-azzjoni ezercitata bit-tahrika, li hija l-actio familiae erciscundae li tolqot omne ius quod defunctus habuit, u ghalhekk tikkomprendi l-kwistjonjiet kollha tal-wirt, u ghaldaqstant fil-likwidazzjoni tikkomprendi wkoll il-kwistjonijiet tal-legati, tan-nullita parzjali jew totali u tar-riduzzjoni taghhom."*

Fis-sentenza li din il-Qorti tat fil-31 ta` Ottubru 1952 fil-kawza "**Vincenzo Attard vs Michelina Agius**" inghad hekk :-

*"F`gudizzju familiae erciscundae jidhlu l-kwistjonijiet kollha li jkollhom x`jaqsmu mal-wirt u dana sal-punt li m`humiex permessi procedimenti separati, lanqas preambuli jew preparatorju fuq sustanzi komponenti l-istess wirt."*

Din il-Qorti tinsisti fuq il-fehma taghha illi l-kwistjoni ta` jekk Anthony Haber kienx *prestanome* inkella le, u l-kwistjoni jekk l-iskritturi esebiti kienux jiswew huma barra mill-parametri tal-kawza. Il-gurisprudenza citata tishaq illi l-azzjoni tikkomprendi l-kwistjonijiet kollha tal-wirt bhal ezami ta` legati. Madanakollu il-gurisprudenza ma tippresupponix li trid issir investigazzjoni dwar kuntratti jew ftehim ohra. Li kieku hekk kien il-kaz, kien ifisser illi l-Qorti jkollha tmur ghall-assurd u qabel ma` tghaddi biex tiddeciedi dwar divizjoni ta` wirt u likwidazzjoni ta` sehem riservat, tkun kostretta qabel xejn li tistharreg kull kuntratt li jkun sar, u kull allegazzjoni jew kongettura li tista` tisvolgi bejn il-kontenenti ; dan mhuwiex ir-*raison d`etre* tal-azzjoni.

In vista tal-premess, il-Qorti sejra tikkalkola s-sehem riservat dovut lill-konvenuti bla ma tqis il-valur tas-sehem ta` wiehed minn ghaxra (1/10) tal-fond 4, Triq il-Konservatorju, Floriana, u dana minghajr pregudizzju ghal kull kwistjoni jew dritt spettanti lill-partijiet jew min minnhom dwar iz-zewg kwistjonijiet li ghalihom saret riferenza fil-paragrafi precedenti.

**iii) <u>Dwar is-sehem ta` nofs indiviz tal-fond</u>**

**<u>156, Triq Parades, San Pawl il-Bahar</u>**

Skond l-ahhar testament ta` Emanuela Haber, u cioe` t-testment tal-21 ta` Marzu 2007, dan in-nofs indiviz thalla bi prelegat lill-konvenuta Marlene Miceli ghas-servigi resi lit-testatrici.

Mill-punto di vista guridiku, il-Qorti tosserva illi l-ligi taghna kienet interpretata fis-sens "li biex il-legat hu ritenut rimuneratorju ghandu jirrizulta mit-testment stess u mhux minn provi barranin". (ara :- "**<u>Ester Farrugia et vs Nutar Dr. Carmelo Farrugia noe</u>**" – Qorti tal-Appell - 14 ta` Frar 1938 ; u "**<u>Joseph Brincat et vs Maria Zammit noe</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili - 16 ta` Frar, 1965).

Fid-disposizzjoni relattiva tat-testment inkiteb bl-aktar mod car u inekwivoku li dak il-prelegat kien qieghed jithalla lil Marlene Miceli bhala hlas ta` servigi, kuri u assistenzi. Dan huwa kkonfermat mid-deposizzjoni tan-Nutar Dottor Malcolm Licari.

Ghandu jinghad li sa mill-qedem kien jinghad illi "*per la liquidazione di detta legittima si devono prendere in calcolo tutti i beni componenti l`asse ereditario del defunto … <u>meno</u> quelli lasciati in legato … perche quel legato, essendo rimuneratorio, fatto cio in pagamento e retribuzione di servigi, non e` compreso tra i legati a titolo gratuito contemplate nell`articolo 318* (illum, 620 (3) Kod. Civ) dell` Ordinanza VII del 1868" [ara :- "**<u>Tommaso Cortis et vs</u> <u>Giovanni Dottrin et</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili - 17 ta` Novembru 1880]

Dan huwa hekk ghar-raguni illi laxxitu bhal dak hu meqjus bhala "*legatum debiti*", bil-konsegwenza li ma ghandux jifforma parti mill-wirt tad-decujus ghall-iskop tal-kalkolu tal-legittima jew tal-porzjon rizervat. Incidentalment, din tal-ahhar, ta` estrazzjoni Tedeska, topponi limitu ghal-komproprjeta` familjari in kwantu lit-testatur

hi rizervata kwota li hu jista` jiddisponi minnha liberament [ara : Guido Capozzi - "**Successioni e Donazioni**" - Giuffre` - 1983 – P.VI - Para 114, 276 ; "Motivo per cui essa non e` reducibile pel fine della liquidazione della legittima" ("**Giuseppe Vella vs Assunta Bugeja et**" - Prim`Awla tal-Qorti Civili – 13 ta` Novembru 1920)].

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Ottubru 1952 fil-kawza "**Vincenzo Attard vs Michelina Agius et**" din il-Qorti fissret il-legat rimuneratorju kif gej :-

"*Il-legat remuneratorju huwa hlas ta` dejn sakemm ma jirrizultax li t-testatur ma kellux raguni tajba biex ihalli dak il-legat u li dan ikun intiz minflok liberalita` u biex jelludi u jiddiffrawdaw d-drittijiet ta` l-eredi jew tat-terzi ghalhekk il-Qorti ghandha dejjem poter li tara jekk il-legat huwiex pproporzjonat ghas-servigi prestati mil-legatarju.*"

Il-legat imholli huwa wiehed rimuneratorju, liema legat rimuneratorju ghandu jitqies dejn tal-wirt. Ghalhekk, jekk dan il-legat huwa tassew rimuneratorju, il-valur tieghu ma ghandux jigi kkalkolat fil-komputazzjoni tas-sehem riservat.

Inghad fil-gurisprudenza ricenti li, biex titwaqqa` l-prezunzjoni li servigi nghataw gratuwitament, jehtieg li min jallega li l-prestazzjoni kienet ta` b`xejn ghandu jgib provi tajbin u konvincenti bizzejjed biex iwaqqghu dik il-prezunzjoni. Jekk min ircieva s-servigi kien gharaf dan il-fatt f`xi att pubbliku, jew jekk f` testment jithalla legat ta` hlas lil xi hadd ghal servigi moghtija lit-testatur, dak il-legat ghandu s-sahha ta` dikjarazzjoni affermattiva ta` stqarrija ta` kumpens. Issir riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tas-6 ta` Ottubru 1951 fil-kawza "**Dr Edoardo Cutajar M.D. vs Teresa Xuereb et**" fejn inghad illi legat rimuneratorju mholli ghal hlas ta` servigi u alimenti li rrendietlu l-persuna gratifikata b` dak il-legat jammonta ghall-ammissjoni tad-dejn tat-testatur lejn dik il-persuna ghal dawk is-servigi.

Minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta li tassew Marlene Miceli pprestat servigi u fit-tul. Mhuwiex dan il-fatt kontestat anke meta tqis dak li xehed professjonista affidabbli u ndipendenti mill-partijiet bhat-Tabib Dottor George Grech. Anke uhud mill-atturi kkonfermaw is-servigi kostanti u ta` kull xorta li Marlene Miceli tat lil ommhom kemm qabel kif ukoll wara li marret tghix maghha fl-ahhar xhur ta` hajjitha.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tqis li l-valur ta` dan il-prelegat partikolari m`ghandux jitqies ghall-fini tal-komputazzjoni tas-sehem riservat.

**iv) <u>Dwar is-self ta` Lm 5,000 lill-attur Martin Haber</u>**

Fir-risposta guramentata, u fin-nota ta` sottomissjonijiet, il-konvenuti jghidu illi fil-komputazzjoni tas-sehem rizervat dovut lill-attur Martin Haber, ghandha tonqos is-somma ta` Lm 2,500 (ossija sehem ommhom) mill-ammont ta` Lm 5,000 li l-konjugi Joseph u Emanuela Haber kienu silfu lil dak binhom. Il-Qorti qieset l-argumenti li gabu l-partijiet dwar din il-kwistjoni, in partikolari dak li kien rilevat dwar l-imputazzjoni u/jew kollazzjoni, u d-distinzjoni li tezisti bejn it-tnejn.

Jidher li bid-dokument esebit a fol 229, it-testatrici kienet iddikjarat li ma kienx fadlilha aktar pretensjonijiet kontra binha Martin ghar-rigward tas-somma mislufa. Madanakollu fit-testment taghha tat-30 ta` Awissu 2006 li sar wara d-dokument a fol 229, kienet iddikjarat kjarament illi fir-rigward ta` Martin Haber kienet qeghda thallilu biss is-sehem rizervat ghaliex qatt ma taha lura l-flus li kienet silfitu.

Din il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm jirrizulta li l-konjugi Haber kienu silfu Lm 5000 lil Martin Haber, bid-dokument a fol 299 jidher li dak is-self kien mahfur da parti ta` Emanuela Haber fis-sens li kien meqjus bhala mhux necessarju li jithallas lura, u ghalhekk ha x-xejra ta` donazzjoni u ma baqax aktar min-natura ta` self. Il-Qorti ma tistax twarrab dak li jghid l-**<u>Art 620(4) tal-Kap 16</u>** :-

*"Dak li jmissu s-sehem riżervat għandu jaqta` minnu dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-disposizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938."*

Ghal din id-disposizzjoni saret riferenza fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fis-16 ta` Mejju 2014 fil-kawza "**<u>Dorothy Buttigieg et vs Agnese Farrugia et</u>**". Il-Qorti rrilevat illi fl-ezercizzju tal-kalkolu tas-sehem rizervat "*irid ukoll jikkunsidra legati li setghu thallew lil min ghandu d-dritt ghas-sehem rizervat (legittimarju) u dak li seta` rcieva minghand it-testatur inter vivos u li hu soggett ghall-kollazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk is-sehem rizervat thallsitx.*"

Minn qari tal-Art 620(4), jirrizulta illi huwa biss dak li ttiehed minghand it-testatur, u li huwa suggett ghall-kollazzjoni, illi ghandu jittiehed in konsiderazzjoni. Il-Qorti tifhem illi bl-Art 3 tat-testment taghha tat-30 ta` Awissu 2006, it-testatrici riedet li "*fid-divizjoni tal-assi taghha, l-eredi u/jew uliedha kollha jkunu ezenti mill-obbligu li jikkollazzjonaw fil-massa ereditarja tat-testatrici, dak kollu li huma qatt setghu rcevew jew li ghad jistghu jircievu minghand l-istess testatrici, b` titolu ta` donazzjoni jew xort` ohra.*" Ghalhekk ma jistax jitqies illi dak li nghata lil Martin Haber huwa soggett ghall-kollazzjoni.

Finalment il-Qorti sejra tiskarta s-sottomissjoni li ghamlu l-atturi fin-nota taghhom meta gabu l-argument illi l-ammont in kwistjoni huwa preskritt a tenur tal-**Art 2156(f) tal-Kap 16**. Il-Qorti mhijiex sejra tiddeciedi dwar preskrizzjoni tenut kont illi l-preskrizzjoni mhijiex sollevabbli *ex officio* ladarba ma hemmx eccezzjoni **jew** talba formali dwar preskrizzjoni.

**v) Dwar is-self ta` Lm 720 lill-attur Anthony Haber**

Fir-risposta guramentata, u fin-nota ta` sottomissjonijiet, il-konvenuti jsostnu li minn sehem l-attur Anthony Haber tas-sehem rizervat ghandu jitnaqqas id-dejn li kellu mat-testatrici fl-ammont ta` Lm 720 in konnessjoni mal-hanut.

Anke f`dan il-kaz, l-atturi kkontestaw dik l-eccezzjoni fuq bazi ta` preskrizzjoni. Dak li ghadu kif inghad mill-Qorti dwar il-preskrizzjoni fil-kaz ta` iv) ighodd ghal din ukoll.

Fuq l-iskorta tal-assjem tal-provi, jirrizulta illi t-testatrici hallset Lm 720 mid-dejn li kien ghadu dovut fuq il-hanut ta` Triq il-Konservatorju, Floriana. Fil-fatt

irrizulta li hallset dawk il-flus lil Vincent Fenech li kien il-venditur tal-hanut u li kien jigi hu t-testatrici. Apparti x-xiehda tal-istess Vincent Fenech, ta` l-attur Anthony Haber u tal-konvenuta Marlene Miceli, hemm ukoll l-iskrittura esebita a fol 189 li tghid illi :- " *... Lm 720 mid-debitu dovut lil Vincent Fenech naxxenti minn att ta` bejgh pubblikat min-Nutar Dottor Carmelo Mangion ... fil-fatt thallsu minn Emanuela Haber. L-imsemmija somma ta` Lm 720 ghandha tithallas lura lil din Emanuela Haber mill-profitt eventwali tan-negozju ta` Haber Store (Self-Service)."*

Dan premess, l-atturi qeghdin isostnu li dak id-dejn thallas mill-qliegh tal-hanut skond ma xehdet Marlene Miceli. Il-Qorti qieset ix-xiehda ta` Marlene Miceli u tghid illi dak li xehdet Marlene Miceli kien fis-sens li d-djun li kienu thallsu fl-ammont ta` Lm 3000 kienu jirrelataw man-negozju tal-hanut, mhux mas-Lm 720 mill-prezz tal-bejgh tal-hanut.

In vista ta` dan u a tenur tal-Art 620(4) tal-Kap 16, irid jigi stabbilit jekk minn sehem l-attur Anthony Haber ghandhomx jinqatghu dawk is-Lm 720 li ttiehdu minghand it-testatrici f`kaz li dak l-ammont ikun soggett ghall-kollazzjoni.

Ta` rilevanza huwa dak li jistipola l-**<u>Art 922 tal-Kap 16</u>** :-

*"Hu suġġett għall-kollazzjoni dak illi l-mejjet ikun nefaq biex id-dota lid-dixxendenti bniet, jew biex għamel donazzjonijiet f `kontemplazzjoni ta` żwieġ, jew biex għamel patrimonju ekkleżjastiku lid-dixxendent, jew biex akkwistalu benefiċċju ekkleżjastiku, jew xi impieg jew stabbiliment, jew* ***biex ħallas id-djun tiegħu*** *jew benefiċċju taħt fondazzjoni jew trust."* (enfasi tal-qorti)

Dan premess, u kif diga` nghad aktar `il fuq jidher li bl-Art 3 tat-testment tat-30 ta` Awissu 2006 it-testatrici ordnat li *"fid-divizjoni tal-assi taghha, l-eredi u/jew uliedha kollha jkunu ezenti mill-obbligu li jikkollazzjonaw fil-massa ereditarja tat-testatrici, dak kollu li huma qatt setghu rcevew jew li ghad jistghu jircievu minghand l-istess testatrici, b` titolu ta` donazzjoni jew xort` ohra."*

Ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti li dak l-ammont m`ghandux jitnaqqas.

**v) Dwar tnaqqis ta` Lm 1500 mis-sehem rizervat ta` kull attur**

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, il-konvenuti jghidu li mis-sehem rizervat ta` kull attur ghandu jitnaqqas rigal ta` Lm 1,500 (Lm 1000 + Lm 500) li Emanuela Haber kienet tat lil kull wiehed mill-atturi.

Anke hawn rega` sar l-argument skond l-Art 620(4) tal-Kap 16.

U anke f`dan il-kaz il-Qorti ttenni li sabiex sabiex tapplika dik id-disposizzjoni, is-somma trid tkun soggetta ghall-kollazzjoni, haga li minhabba l-Art 3 tat-testment tat-30 ta` Awissu 2006 ma tirrizultax.

**vi) Dwar il-flus tat-testatrici**

Abbazi tal-provi akkwiziti jirrizulta li fid-data tal-mewt ta` Emanuela Haber kien hemm biss kont wiehed tal-bank u cioe` depozitu fl-APS Bank Ltd fl-ammont ta` €99.68 (fol 126). Investmenti ohra kienu lahqu nghalqu meta kienet ghadha hajja. Li zbankat it-testatrici waqt hajjitha m`ghandux piz fuq il-kalkolu tas-sehem rizervat. Li jsemmu l-atturi hija somma ta` €1,500 li skond huma, tinsab fil-pussess ta` Marlene Miceli mill-kera tal-garage. Skond ix-xiehda ta` Marlene Miceli, dik is-somma kienet bilanc ta` flus li kienet gabret mill-kera tal-garaxx wara li dak il-garage kien inkera wara l-mewt ta` ommha. Ghalhekk dik is-somma ma tistax tigi meqjusa ghall-fini tal-komputazzjoni tas-sehem riservat ghax il-komputazzjoni tirrigwarda biss dak li kien ezistenti fid-data tal-mewt ta` t-testatrici.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Likwidazzjoni tas-sehem rizervat</u>**

Fl-isfond tal-premess, jirrizulta li ghall-fini tal-likwidazzjoni tas-sehem rizervat ghandu jitqies valur totali ta` **<u>€58,599.68</u>** u cioe` :- €40,000 bhala l-valur tan-nofs indiviz tad-dar 2, gia` 64, Triq il-Konservatorju, Floriana ; €12,500 bhala valur tan-nofs indiviz ta` l-garage 8, Triq il-Konservatorju, Floriana ; €6,000 bhala l-valur tan-nofs indiviz ta` l-flat 16/2, Misrah San Kalcedonju, Floriana ; u €99.68 li kienu depozitati fl-APS Bank Limited. Billi s-sehem rizervat ta` kull wiehed mill-atturi huwa ta` wiehed minn kull ghoxrin (1/20) tal-wirt, tenut kont tan-numru ta` ulied li kellha Emanuela Haber, kull wiehed u wahda mis-sitt atturi ghandu jiehu **<u>€2,929.98c</u>** bhala kapital ta` sehem rizervat.

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Il-kwistjoni tal-imghax</u>**

L-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tal-imghax skond kif jipprovdi l-**<u>Art 615 tal-Kap 16</u>** li jaqra hekk :-

*(1) Is-sehem rizervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u minn mill-mara jew ir-ragel jibqa` haj.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet. Imghaxijiet bir-rata stabbilita` fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma` dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem riservat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data jew mid-data tan-notifika ta` att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perijodu ta` sentejn.*

*Izda l-Qorti tista` fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta` imghax li tista` tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.*

**L-Art 1139 tal-Kap 16** jaqra hekk :

*Bla ħsara ta` kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjeta`, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta` somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.*

Kien l-Att XVIII tal-2004 li dahhal l-imghax fuq il-valur tas-sehem rizervat fl-Art 615 tal-Kap 16. Fl-Art 116(2) ta` dak l-Att jinghad illi t-tibdil effettwat fir-rigward tal-Art 615 kellu jghodd biss ghas-successjonijiet illi jkunu infethu u sehhew wara d-dhul fis-sehh tal-Att. Fil-kaz tal-lum l-emendi huma applikabbli ghaliex it-testatrici mietet fis-6 ta` Jannar 2008 meta l-Att kien diga` dahal bis-sehh. Ghar-rigward tal-proviso tal-Art 615(2) dak kien introdott bl-Att XV tal-2012, li dahal fis-sehh fl-24 ta` Lulju 2012 (ara A.L. 243 tal-2012). Dan l-Att ma jaghmel l-ebda distinzjoni dwar l-applikabbilita` ta` l-proviso ghal kawzi dwar sehem rizervat li jkunu pendenti. Ladarba ma saret l-ebda rizerva ghal liema kazi ghandu japplika l-proviso, din il-Qorti hija tal-fehma li in vista tal-fatt illi fil-kaz tal-lum is-sehem rizervat qieghed jigi likwidat, il-proviso huwa applikabbli jekk jirrikorru cirkostanzi fejn ghandu jigi applikat. Din il-Qorti ma taqbilx ma` l-argument li l-ligi applikabbli ghandha tkun dik li kienet fil-mument meta twieled il-kreditu tal-atturi kontra l-konvenuti, u cioe` id-data tal-mewt tat-testatrici, ghaliex bidliet fil-ligijiet ta` di nix-xorta ghandhom effett immedjat anke fir-rigward ta` kazi li jkunu diga` jezistu jew ikunu pendenti fid-dhul fis-sehh tal-ligi. L-**Art 12(2) tal-Kap 249** ighid hekk :-

*Meta Att, sew jekk mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta` dan l-Att, jemenda xi Att ieħor mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta` dan l-Att, jew xi disposizzjoni ta`*

*xi Att ieħor bħal dak, l-Att jew id-disposizzjoni hekk emendati kif ukoll kull ħaġa li saret taħthom jew bis-saħħa tagħhom, għandhom, kemm-il darba ma jkunx jidher ħsieb kuntrarju, jkomplu li jkollhom effett sħiħ, u għandhom hekk jibqgħu jseħħu kif emendati, u suġġetti għat-tibdil magħmul, bl-Att li jemenda.*

Imbaghad fis-subartikolu (3) tal-istess artikolu l-kelma *'emenda'* hija mfissra hekk :-

*Għall-finijiet tas-subartikolu (2) "emenda" tfisser u tinkludi kull emenda, modifika, tibdil, alterazzjoni, żieda jew tħassir tkun liema tkun l-għamla jew il-mod li bihom isiru u jkunu kif ikunu mfissra, u tinkludi wkoll disposizzjoni li biha Att jew disposizzjoni tiegħu jkunu sostitwiti jew rimpjazzati, jew imħassra u sostitwiti jew imħassra u minflokhom issir disposizzjoni differenti.*

Din id-disposizzjoni ghandha titqies fil-kuntest tas-subartikolu (1) li jaqra hekk :-

*Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta` dan l-Att iħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, ttħassir m`għandux –*

*(a) jerġa` jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew li ma tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir ;*

*(b) jolqot it-tħaddim ta` xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra ;*

*(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew li ġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik ;*

*(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta` jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali,konfiska jew piena bħal dawk ;*

*(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel, u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.*

Huwa biss meta jkun hemm thassir (ghal kuntrarju ta` emenda) ta` procediment legali jew rimedju illi dak li nbeda jista` jitkompla bhallikieku l-Att li jhassar ma jkunx sar.

Din hija l-linja traccjata mill-gurisprudenza taghna ; fosthom '**Carmelo sive Charles Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et**' li ghaliha saret referenza fir-replika tal-konvenuti.

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Mejju 2002 fil-kawza '**Roberto Zamboni noe vs Direttur tal-Kuntratti**' il-Qorti tal-Appell kienet irribadiet li hija n-norma li fejn si tratta ta` regoli jew ligijiet procedurali li, sakemm l-istess ligi ma tkunx tghid mod iehor jew ma tipprovdix x`ghandu jigri fil-fazi tranzitorja, l-istess regoli jew ligijiet jigu fis-sehh u jitqiesu li huma applikabbli minnufih, anki ghal atti amministrattivi mwettqa qabel id-dhul fis-sehh ta` din l-istess norma.

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li l-proviso ghall-Art 615(2) jista` jigi applikat ghall-kaz tal-lum.

Fl-istadju tat-trattazzjoni tal-kawza, il-konvenuti gabu l-argument illi ladarba s-sehem rizervat ghadu mhux likwidat, l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tal-kwantifikazzjoni abbazi tal-principju *in illiquidis non fit mora.*

Dan l-argument mhuwiex kondiviz mill-Qorti in vista ta` dak li jipprovdi l-Art 615(2). Fis-sentenza taghha tat-3 ta` Dicembru 2012 fil-kawza "**Maria Ellul vs Joseph Axiaq**" [mhux appellata] din il-Qorti (**PA/FS**) irribadiet illi fejn si tratta ta` imghaxijiet fuq sehem riservat ma jistax jigi nvokat il-principju li ladarba l-ammont tas-sehem riservat mhux likwidu allura dak huwa debitu incert u *da liquidarsi.* Il-Qorti qalet hekk :-

*Izda ghalkemm ir-regola normali hija kif qed isostni l-intimat, hawnhekk ghandha sezzjoni specifika tal-ligi li taghmilha obbligatorja dwar l-imghax. Ir-rikorrenti kienet baghtet ittra ufficjali f`Lulju 2009 u Maria Anna Axiaq mietet fid-19 ta` Settembru 2007 u ghalhekk fit-terminu ta` sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni. Dan iwassal ghal ammont ta` imghaxijiet li bazat fuq is-somma ta` €325,592 likwidat mill-Perit jammontaw ghal €129,036.*

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li fit-2 ta` Gunju 2008 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali fejn talbu l-hlas tas-sehem rizervat taghhom mill-wirt ta` ommhom. Dan ifisser li t-talba saret hames xhur wara l-mewt tat-testatrici. Ir-rikors guramentat kien prezentat fit-12 ta` Frar 2010. Huwa evidenti mill-atti ta` dan il-procediment li dan ma kienx kaz ta` kawza li hadet it-tul biex tasal ghal decizjoni. Infatti l-atturi ressqu l-provi f`waqthom, u ma jirrizultax li kien hemm xi riluttanza da parti ta` l-atturi li jaghlqu l-kaz fi zmien ragonevoli. Ghalhekk il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni tal-konvenuti illi l-atturi qaghdu jahlu z-zmien u jtawwlu l-procediment inutilment. Min-naha l-ohra, il-Qorti tqis bhala rragonevoli l-insistenza tal-atturi li jissoggettaw ftehim mal-konvenuti huthom mal-accettazzjoni da parti ta` dawn tal-ahhar li l-wirt ta` ommhom jinqasam indaqs bejn kulhadd – qalet x`qalet l-omm fit-testmenti taghha. Din il-pretensjoni mhux ragonevoli tal-atturi ma ghenx biex il-kwistjoni bejn dawn l-ghaxar ahwa kontendenti jigi risolt barra l-Qorti. Huwa sinjifikanti illi waqt laqgha bejn il-partijiet qabel saret il-kawza, uhud mill-atturi kienu diga` qeghdin isemmu l-kwistjoni tal-hlas ta` imghax bit-8% fuq l-ammont pretiz minnhom bhala sehem rizervat. Irrizulta wkoll li l-konvenuti dejjem skambjaw korrispondenza legali ma` l-atturi f` tentattiv li jigi kkalkolat is-sehem rizervat. Wara li hadet kont ta` kollox, u qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tghid illi fuq l-ammont tas-sehem rizervat li ghadha kif illikwidat ghandu jiddekorri imghax ta` erbgha fil-mija (4%) b`effett mit-2 ta` Gunju 2008 sad-data tal-hlas effettiv.

**Ikkunsidrat :**

**VI.** **Il-wirt ta` Joseph Haber**

**a)** **It-testment**

Joseph Haber miet fis-26 ta` Frar 1997. Mir-ricerki testamentarji tieghu (fol 8 sa fol 12) jirrizulta li s-successjoni tieghu hija regolata permezz tat-testment *unica charta* li kien ghamel flimkien ma` martu Emanuela fl-24 ta` Gunju 1983 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion. Fit-testment *inter alia* thalla legat ta` Lm 1000 lil dak minn uliedhom li jibqa` jdur u jiehu hsieb tat-testaturi jew is-superstiti fosthom, u l-ghaxar ulied tal-konjugi Haber kienu nominati bhala eredi universali.

**b)** **L-assi ereditarji**

**i)** **Immobbli**

Fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta` Joseph Haber li ghamlu l-eredi kollha u ommhom bhala usufruttwarja fit-22 ta` Mejju 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami kienu dikjarati dawn l-immobbli :-

1) in-nofs indiviz tad-dar 2, gia 64, Triq il-Konservatorju, Floriana, stmat mill-Perit Godwin Abela (li kien mahtur mill-Qorti bhala l-perit taghha) fl-ammont ta` €40,000 ;

2) in-nofs indiviz ta` l-garage 8, Triq il-Konservatorju, Floriana, li l-Perit Godwin Abela stima fl-ammont ta` €12,500 ;

3) in-nofs indiviz ta` l-flat 16/2, Misrah San Kalcedonju, Floriana, mikri lil terzi stmat mill-perit tekniku li jiswa €6,000.

5) in-nofs indiviz tat-terran 156, Triq Parades, San Pawl il-Bahar, stmat mill-perit tekniku li jiswa €45,000.

**ii) <u>Assi ohra</u>**

Jirrizulta li l-wirt ta` Joseph Haber kellu kreditu. Infatti waqt il-gbir tal-provi, qamet il-kwistjoni tas-self li l-konjugi Haber *vita durante* kienu ghamlu lill-attur Martin Haber fl-ammont ta` Lm 5000. Kien allegat li Martin Haber baqa` ma raddx dik is-somma fl-intier taghha. Mhux kontestat li nofs il-figura u cioe` Lm 2500 tappartjeni lill-wirt ta` Joseph Haber. Il-Qorti trid tghid li kien hemm incertezza fix-xiehda ta` Marlene Miceli dwar l-ammont li thallas lura. Ghar-rigward tad-dikjarazzjoni li ghamlet l-omm, u li l-Qorti diga` qieset aktar lura, il-Qorti tghid li dak dikjarat mill-omm ghandu effett fuq il-wirt taghha, izda mhux fuq il-konsistenza tal-wirt ta` zewgha li miet qabilha.

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi s-somma ta` Lm 2,500, eskluz sehem Martin Haber mill-istess somma, ghandha tithallas minn Martin Haber lil hutu lkoll bhala eredi ta` missierhom, billi rrizulta li kien debitur tal-missieru Joseph Haber fl-ammont ta` Lm 2,500. L-ammont bilancjali ta` Lm 2,250 ghandu jithallas lid-disa` hutu l-ohra ; ghalhekk kull wiehed minnhom ghandu jircievi Lm 250 minghand Martin Haber ladarba dan tal-ahhar accetta l-wirt ta` missieru minghajr riserva. Il-kwistjoni tad-dejn ta` Martin Haber ghandha rilevanza fil-kuntest tal-wirt ta` Joseph Haber billi dak il-wirt qieghed jigi diviz ghad-differenza ta` dak tal-omm – kif diga` kellha okkazjoni tirrileva l-Qorti aktar kmieni.

Fl-ahhar nett, il-Qorti tirrileva illi skond ix-xiehda ta` Marlene Miceli, il-garage 8, Triq il-Konservatorju, Floriana, kien jinkera bi €150 fix-xahar, u wara bi €1100 kull sitt xhur. Issostni li hija kienet thallas l-ispejjez tad-dawl u ta` l-ilma tal-fondi kollha komuni. Qalet li fil-pussess taghha kien hemm is-somma ta` €1,500.

Il-Qorti ma ratx il-kontijiet tad-dawl u ta` l-ilma li Marlene Miceli tghid li hallset.

Izda l-Qorti ma taqbilx li ghax l-atturi ma kellhomx cavetta tal-postijiet ma kinux responsabbli ghall-hlas ta` sehemhom mill-ispejjez tal-wirt ta` missierhom inkluz fejn si tratta ta` dawk il-postijiet.

Ovvjament fir-rigward tas-sehem ta` ommhom, ladarba l-atturi mhumiex eredi, ma jistghux jitqiesu responsabbli ghall-hlasijiet fir-rigward tan-nofs indiviz tal-immobbli formanti parti mill-wirt ta` ommhom.

Madanakollu il-Qorti m`ghandha biex tiddisputa x-xiehda ta` Marlene Miceli.

Ghalhekk nofs l-ammont ta` €1500, u cioe` €750, ghandu jinqasam bejn l-ghaxar eredi ta` Joseph Haber.

**c)** **Il-qasma**

Il-Qorti tinnota li skond it-testment *unica charta* ta` l-24 ta` Gunju 1983, thalla legat ta` Lm 1000 lil dak minn ulied it-testaturi li jibqa` jdur u jiehu hsieb lit-testaturi jew lis-superstiti fosthom.

Mill-provi akkwiziti, jirrizulta li kienet il-konvenuta Marlene Miceli li hadet hsieb il-bzonnijiet ta` missierha meta dan kien ghadu haj, u wara l-mewt tieghu, hadet hsieb il-htigijiet ta` l-omm. Taghsar kemm taghsar il-provi, dan huwa fatt inkontestat.

Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li skond dak it-testment, u strettament fl-ambitu tal-wirt ta` Joseph Haber, bintu Marlene Miceli ghandha tithallas bhala legat l-ekwivalenti f`Ewro tal-ammont ta` Lm 1000.

Ghar-rigward tal-qsim ta` l-immobbli formanti parti mill-wirt ta` Joseph Haber, in partikolari l-kwistjoni ta` jekk l-immobbli humiex komodament divizibbli, il-Qorti taghmel riferenza ghall-**Art 515 tal-Kap 16**. Dan jipprovdi illi jekk il-beni in komun ma jistghux jinqasmu bla xkiel u bla hsara, u ma tistax issir tpattija b`beni ohra in komun ta` xorta differenti, izda tal-istess valur, dawk il-beni jistghu jinbieghu b`licitazzjoni, sabiex jinqasam ir-rikavat tal-prezz taghhom. L-istess jigri jekk fil-qasma ta` beni in komun, ikun hemm beni illi l-ebda wahda mill-partijiet li jkunu qeghdin jaqsmu ma tkun tista` jew trid tiehu.

Fis-sentenza fl-ismijiet "**Giuseppe Mejlak et vs Cecilia Zahra Scicluna**" riportata fil-Kollez. Vol. XXXII.I.239, il-Qorti ta` l-Appell qalet hekk :-

*Illi in tema generali, fejn hija possibbli d-divizjoni materjali komodament u bla diskapitu, ir-rimedju tal-licitazzjoni, li huwa ukoll mod kif issir il-qasma, ghandu jcedi l-kamp ghad-divizjoni. Sabiex ikollu prevalenza r-rimedju tal-licitazzjoni ma hemmx bzonn li ssir ricerka jekk il-qsim tal-haga li tkun hijiex assolutament u materjalment (fizikalment) impossibbli (haga per se rarissima dwar l-immobili li kwazi dejjem b`xi mod jew iehor jistghu jigu maqsuma u frazzjonati f`porzjonijiet) imma jekk l-istess qasma tistax issir komodament u minghajr ma l-haga indiviza titlef il-valur jew tkun kagun ta` pregudizzju komuni, jew il-qasma tgharraq jew tirrendi mhux civili l-haga ;*

*Illi minn dan jitwassal car li sabiex il-haga tista` tinghad jew le komodament divizibbli u bla diskapitu, il-gurista ghandu jhares lejha fl-istat taghha fl-epoka meta giet radikata t-talba ghall-licitazzjoni (ara Troplong, Della Vendita, fil-qiegh para. 862 Ediz. Livorno, 1638 Fratelli Vignozzi e Nipote, pagina 456, colonna 2da.) ;*

*llli ma hemmx bzonn jinghad li d-decizjoni tal-kwistjoni timporta apprezzament ta` fatt, u kien ghalhekk li gie deciz mill-Qorti taghna li l-gudikant mhux obbligat jikkonforma ruhu mal-opinjoni tal-periti, li l-Qorti tkun innominat, kontra l-konvinzjoni morali tieghu u ghalhekk ghandu s-setgha diskrezzjonali jirrisolvi, skond ic-cirkostanzi, il-punt jekk il-haga in kwistjoni hijiex jew le komodament divizibli u bla hsara jew diskapitu (ara Appell 17 Marzu 1865 in re "**Ebejer - vs - Griscti**" Kollez. Vol. III pag.*

*292 in ispecje. pag. 293 fil-qiegh tal-pagina. Prim Awla Civili 20 ta` Ottubru 1877 in re "**Ellul - vs - Brincat**" Kollez Vol VIII pag. 321, u in ispecje pag. 322, Kol. la.) ;*

*llli jigi affermat ukoll li l-kliem "maqsum bla xkiel" huwa korrispondenti ghall-kelma tal-Kodicijiet kontinentali fejn giet uzata l-kelma "kommodament" u uzata mill-Ligi taghna, jidhol mhux biss il-kuncett ta` parti ohra li tikkomprendiha, liema hemm u ghandu jkun hemm l-impenn tal-kuncett tal-qasma diretta bejn hsieb u fehema tal-konservazzjoni, u li minn dik l-istess qasma tkun tista` titnissel ripartizzjoni ugwali dwar il-vantaggi li l-istess haga tipptokura fl-istat li tkun fih qabel id-divizjoni ;*

*Minn dan jitnissel car li l-qasma li minnha jokkupa ruhu d-dritt privat ma hijiex ix-xoljiment tal-partijiet li jikkomponu l-haga ndiviza, jew disunjoni li tista` jkollha bhala konsegwenza necessarja r-risultat rovinuz tal-istess haga 'pro indiviza'.*

*Illi ghall-konferma ta` dawna l-principji li ntqalu fuq jinghad li wiehed mill-kriterji principali fil-kaz ta` dubju dwar id-divizibilita` ta` stabbli huwa desunt min-necessita` li fond ma jigix smemdrat sabiex ma jkunx deprezzat, u l-imhallef tal-kwistjoni ghandu jesigi mill-parti stat ta` konfront bejn il-valur tal-immobbili intier u dak ta` l-istess smembrament s`intendi kif il-fond ikun jinsab." (Ara Appell Casale 29 ta` Jannar 1887. "Giur. Cas . 12 citat mill-Baldi, Diritto Civile, Vol I, pag. 993 vuci `Vendita` inspecje "Vendita degli immobili").*

Jinghad inoltre illi kien ritenut li r-regola tal-licitazzjoni ghandha tapplika wkoll meta l-ekwiparazzjoni f`divizjoni tkun eccessiva tant li tirrendi d-divizjoni mprattikabbli (ara : "**Giuseppe Riccardo Bugeja vs Carlo Pace" - Kollez. Vol. XXIX.II.1030**). F`termini generali "*kommodament*" tfisser minghajr pregudizzju tal-interessi tal-kondividenti ; "*minghajr diskapitu*" tfisser 'illi ma ghandux ikun hemm deprezzament fil-valur ekonomikiu tal-fond fid-divizjoni materjali tieghu. Fl-esami ta` jekk il-fond huwiex komodament divizibbli, ghandu jigi kkunsidrat l-istat attwali tal-pajjiz, ghax il-ligijiet mhumiex statici, imma progressivi, b`mod illi l-gudikant, ghandu jinterpretahom skond il-progress, l-evoluzzjoni, il-bzonnijiet u l-emergenza li fihom ikun jistab il-pajjiz (ara : "**Giuseppe Meilaq vs Cecilia Zahra Scicluna"** - op. cit.). Il-lokuzzjoni `*kommodament minghajr diskapitu*" uzata fil-ligi tista` tigi nterpretata fis-sens li jkun hemm dan id-diskapitu anke meta, ghalkemm id-divizjoni tkun materjalment possibbli, tkun timporta pero` deprezzament notevoli tal-fond, u nociv ghall-interessati (ara : **Kollez. Vol. XXIX.II.1030**).

Wara li qieset li hawn si tratta ta` porzjonijiet ta` mmobbli, il-qorti tghid illi l-immobbli formanti parti mill-wirt ta` Joseph Haber ghandhom jinbieghu b`licitazzjoni u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti qua eredi tal-missier. Ghal dak li qeghda tghid il-Qorti qieset il-kostatazzjoni tal-perit tekniku illi l-fondi mhumiex komodament divizibbli.

Il-Qorti ma tistax tilqa` t-talba tal-konvenuti li jigu assenjati flimkien nofs indiviz ta` l-proprjeta` ghaliex b`hekk il-Qorti tkun qeghda tohloq stat iehor ta` komunjoni li ma tarax li hija s-soluzzjoni meta huwa tant car li l-ligi ma tiffavorixxix komunjoni ta` proprjeta`.

Ghalhekk il-Qorti sejra tordna l-licitazzjoni tan-nofs indiviz tal-immobbli, bil-valuri tat-tluq ikunu l-valuri ndikati mill-perit tekniku.

Il-Qorti qeghda tghid ukoll li fil-licitazzjoni ghandhom ikunu ammessi terzi sabiex ir-rikavat jkun dak l-aktar favorevoli ghall-kontendenti.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi qeghda tiddisponi mit-talbiet tal-atturi u mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti kif gej :-**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tillikwida l-assi ereditarji tal-mejjet Joseph Haber bhala konsistenti :- a) min-nofs indiviz tad-dar 2, gia` 64, Triq il-Konservatorju, Floriana ; b) min-nofs indiviz ta` l-garage 8, Triq il-**

**Konservatorju, Floriana ; c) min-nofs indiviz ta` l-flat 16/2, Misrah San Kalcedonju, Floriana ; d) min-nofs indiviz tat-terran 156, Triq Parades, San Pawl il-Bahar ; e) mis-somma ta` hamest elef tmien mija tlieta u ghoxrin Ewro tlieta u erbghin centezmu (€5,823.43) ekwivalenti ghal elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm 2,500) rappresentanti s-sehem ta` l-wirt ta` Joseph Haber mill-kreditu li Joseph Haber u martu Emanuela Haber flimkien kellhom fil-konfront ta` binhom l-attur Martin Haber ghal self lilu prestat ; u f) mis-somma ta` seba` mija u hamsin Ewro (€750) li huwa sehem il-wirt ta` Joseph Haber mill-kiri tal-fond 8, Triq il-Konservatorju, Floriana ;**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, taqsam u tassenja l-assi ereditarji ta` Joseph Haber bejn l-ghaxar (10) uliedu u eredi tieghu, ilkoll kontendenti fil-kawza tal-lum, b`dan illi :- a) tordna li minn dawn l-assi ereditarji, il-konvenuta Marlene Miceli tithallas bhala legatarja s-somma ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ekwivalenti ghal elf lira Maltin (Lm 1000) ; b) tordna li l-konvenuta Marlene Miceli thallas lil kull wiehed u wahda mid-disa` (9) hutha eredi l-ohra s-somma ta` hamsa u sebghin Ewro (€75) bhala sehem ta` kull eredi ta` Joseph Haber mis-sehem tal-kera tal-fond 8, Triq il-Konservatorju, Floriana, dovut lill-wirt ta` Joseph Haber liema kera kienet fil-pussess tal-istess Marlene Miceli ; u c) tordna lill-attur Martin Haber sabiex ihallas lil kull wiehed u wahda mid-disa` (9) hutu eredi l-ohra s-somma ta` hames mija tnejn u tmenin Ewro erbgha u tletin centezmu (€582.34) ekwivalenti ghal mitejn u hamsin lira Maltin (Lm 250) bhala sehem ta` kull eredi ta` Joseph Haber minn dak li kien jispetta lill-wirt ta` Joseph Haber mis-self li kien sar mill-konjugi Joseph u Emanuela Haber a favur tal-istess Martin Haber.**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, tiddikjara illi n-nofs indiviz ta` l-immobbli fuq riferiti li jaghmlu parti mill-assi ereditarji ta` Joseph Haber mhumiex komodament divizibbli u ghalhekk tordna li jsir il-bejgh taghhom b`licitazzjoni, ghal liema bejgh ghandhom jigu ammessi oblaturi estranei. Ghall-fini ta` valutazzjoni, il-prezz tal-bejgh b`licitazzjoni ghandu jibda mill-istima li saret mill-perit tekniku Perit Godwin Abela u li tirrizulta fir-relazzjoni tieghu li taghmel parti mill-atti ta` din il-kawza (a fol 79 sa fol 84). Tordna li r-rikavat tal-bejgh tal-immobbli jinqasam indaqs bejn l-ghaxar (10) eredi ta` Joseph Haber, kontendenti fil-kawza tal-lum, sabiex b`hekk kull wiehed u wahda mill-eredi jiehu wiehed minn ghaxra (1/10) ta` dak ir-rikavat.**

**Riferibbilment ghar-raba` talba, tinnomina lin-Nutar Pubbliku Daniela Mercieca sabiex tippubblika l-att ta` l-qasma, u lill-Avukat Dottor Anna Mifsud Bonnici sabiex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci.**

**Riferibbilment ghas-sitta u ghas-seba` talbiet, tillikwida dawk l-assi ereditarji tal-mejta Emanuela Haber li abbazi taghhom sejjer jigi likwidat is-sehem rizervat ta` kull wiehed mis-sitt (6) atturi bhala konsistenti :- a) min-nofs indiviz tad-dar 2, gia` 64, Triq il-Konservatorju, Floriana ; b) min-nofs indiviz ta` l-garage 8, Triq il-Konservatorju, Floriana ; c) min-nofs indiviz ta` l-flat 16/2, Misrah San Kalcedonju, Floriana ; u d) mill-ammont ta` disgha u disghin Ewro tmienja u sittin centezmu (€99.68) li kienu depozitati fl-APS Bank Limited. Tillikwida s-sehem rizervat ta` kull wiehed u wahda mis-sitt (6) atturi mill-wirt ta` Emanuela Haber fl-ammont ta` elfejn disa` mija disgha u ghoxrin Ewro tmienja u disghin centezmu (€2,929.98).**

**Riferibbilment ghat-tmien talba, tikkundanna lill-konvenuti sabiex - sa zmien xahar mil-lum - ihallsu lil kull wiehed u wahda mis-sitt (6) atturi s-sehem rizervat spettanti lilhom mill-wirt ta` Emanuela Haber fl-ammont lil kull wiehed u wahda ta` elfejn disa` mija disgha u ghoxrin Ewro tmienja u disghin centezmu (€2,929.98), b`imghax annwu ta` erbgha fil-mija (4%) b`effett mit-2 ta` Gunju 2008 sad-data tal-hlas effettiv.**

**Tordna li kull wiehed mill-ghaxar (10) kontendenti jhallas wiehed minn ghaxra (1/10) ta` l-ispejjez ta` din il-kawza.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------